MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 26/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sharon Tanti)**

**Vs**
Isabella Cilia

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18 ta' Novembru, 2005, meta hekk ordnata b'digriet mahrug mill-Imhallef Raymond Pace LL.D, naqset li taghti access lil zewgha Robert ghal wild minuri taghhom Joseph Cilia.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 338(ll), kif ukoll l-Artikolu 18 tal-Kap. 9

tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja ta’ kif akkuzata mill-Prosekuzzjoni w ikkundannata ghal twiddiba w canfira.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fid-9 ta’ Frar, 2006, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat Illi l-aggravju tal-appellanti jikkonsisti fis-segwenti. L-akkuza hija wahda cara w cioe’ li l-appellanti naqset milli tosserva digriet mahrug mill-Imhallef Ray Pace. Quddiem l-Ewwel Qorti kull ma gie prezentat huwa kuntratt ta’ separazzjoni li hu l-uniku strument li jirregola l-access tal-minuri Joseph Cilia. Ma jezisti ebda digriet iehor fl-istess rigward l-access. Ghalhekk l-akkuza hija mankanti w bazata fuq digriet inezistenti w kwindi ma tistax tissussisti u wisq inqas ma setghet l-appellanti tigi misjuba hatja fuq tali akkuza. Illi l-artikolu 338 (ll) tal-Kap.9 jaghmel differenza netta bejn meta persuna tkun ordnata mill-Qorti w meta tkun marbuta b’ kuntratt biex taghti access lil wild taht il-kustodja taghha w dak li jkun jirrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xierqa. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma ghamlitx tali distinzjoni . Ghalhekk l-appellanti kellha tigi liberata.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda ta’ Robert Cilia, ir-ragel tal-appellanti.**

**Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Marzu, 2006, li bih il-Prosekuzzjoni w d-Difiza qablu li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li dak in-nhar il-missier ma nghatax access ghat-tifel Joseph Cilia w li d-dritt tal-access hu biss regolat bil-kuntratt ta’ separazzjoni esebit.**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-appell jidher li jiccentra biss fuq punt ta' drittt u cioe' jekk l-appellanti kellhiex tinstab hatja fuq fatti manifestament zbaljati li gew allegati fic-citazzjoni w inkorporrati bla ebda korrezzjoni jew emenda fis-sentenza appellata.**

**Illi mhux kontestat li l-obbligu tal-appellanti li taghti access lil zewgha Robert Cilia ghall-wild minuri taghhom jemani** BISS **mill-kuntratt ta' separazzjoni tad-9 ta' Marzu, 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall, esebit a fols. 3 sa 16 tal-process u senjatament fil-klawsoli 11 sa 17 tal-istess kuntratt.**

**B' dana kollu min irrediga c-citazzjoni deherlu li ghandu jikteb li dan l-obbligu kien johrog minn *"digriet mahrug mill-Imhallef Raymond Pace LL.D."*, probabbilment ghaliex *in calce* tal-istess kuntratt ra l kien gie ffirmat ukoll mill-Imhallef imsemmi.**

Illi l-Prosekuzzjoni qed targumenta li dan l-izball ma ghandux iwassal ghall-liberazzjoni tal-appellanti ghaliex ic-citazzjoni kull ma hi hu "*avviso a comparire*" u li bizzejjed jekk mid-dettalji li jinghataw fiha, l-persuna mharrka biex tidher quddiem il-Qorti tkun taf b' hiex qed tigi akkuzata biex tkun tista' tiddefendi ruha. Qed tghid ukoll li fis-sustanza r-reat ser jibqa' l-istess wiehed u cioe' li ma tatx access ghall-minuri fdat fil-kustodja taghha meta kellha taghmel dan.

**Illi fil-waqt li l-Avukat Generali ghandu ragun li c-citazzjoni kull ma hi hija *"avviso a comparire"* u li bizzejjed li fiha, skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, c-citazzjoni ssemmi car il-persuna mharrka w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw u l-importanti hu li bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni ikun bizzejjed biex l-imputat ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat u fil-waqt ukoll li l-htija tikkonsisti filli wiehed**

**ma jaghtix access lil wild meta hekk obbligat, l-artikolu 338 (ll) jiddisponi li hemm zewg modi kif dak li jkun jista' jkun obbligat li jaghti tali access, jew in forza ta' ordni ta' Qorti jew inforza ta' kuntratt.**

**Erronjament hawn gie indikat mod minnflok iehor. Issa fil-waqt li dan l-izball ma kienx jirrendi ic-citazzjoni nulla *"ab initio"* u din setghet tkun il-mezz legali kif l-appellanti tigi imharrka biex tidher quddiem il-Qorti, l-Prosekuzzjoni kif ukoll l-Ewwel Qorti jmisshom irravisaw dan l-izball *"ictu oculi"* malli gie esebit il-kuntratt ta' separazzjoni w l-prosekuzzjoni kienet mistennija li titlob korrezzjoni fl-akkuza w ma kellu jkun hemm ebda problema biex dan isir, b' mod li allura il-kliem *"meta hekk ordnata b' digriet mahrug mill-Imhallef Raymond Pace*" jigi sostitwit bil-kliem *"meta hekk marbuta bil-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall , tad-9 ta' Marzu, 2005"*, b' hekk umbaghad, jekk tirrizulta pruvata, tali akkuza kif emendata tkun tifforma parti mis-sentenza. Hekk kellhom isiru l-affarijiet u mhux kollox jibqa' ghaddej meta kemm ghal-Prosekuzzjoni kif ukoll ghall-Ewwel Qorti suppost li kien evidenti li l-fatti enuncjati fic-citazzjoni ma kienux korretti.**

**Illi bil-fatt li ma ntalbitx tali korrezzjoni w ergo ma nghatax mill-Ewwel Qorti, gie li l-Ewwel Qorti inkorporat dan l-izball manifest bhala parti mis-sentenza appellata meta, wara li rriproduciet l-akkuza *verbatim* kif tinsab fic-citazzjoni, ghaddiet biex fid-*decide* tghid testwalment : *"din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija Isabella Cilia, hati (Sic!) <u>kif akkuzata mill-Prosekuzzjoni</u>...."* (sottolinear tal-Qorti) u dan wara li kienet ghadha kif qalet li "*ezaminat id-dokumenti esebiti*".**

**Illi din il-Qorti ma tistax tikkondona dan l-izball ovvju w thares in-naha l-ohra w tikkonferma sentenza mibnija fuq premessa kompletament zbaljata, sija pure li ukoll tista' twassal ghall-istess ksur tal-ligi kontemplat fl-istess kontravvenzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqbel mal-appellanti li hija nstabet hatja hazin fuq fatti inezistenti li gew premessi fic-citazzjoni bhala li jikkostitwixxu l-ingredjent tar-reat.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata b'dan li tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni w piena, cioe' c-canfira w twiddiba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------